

31977L0629

8.10.1977

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 257/27

**L-EWWEL DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI****tat-28 ta' Settembru 1977****li temenda l-Annessi mad-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE dwar il-marketing tal-materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dwieli**

(77/629/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

miksba matul it-testijiet irrikonoxxuti uffiċjalment li jirrigwardaw minn fejn ikun ġej il-materjal bażiku ttestjat għall-virusijiet;

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti taż-Żrieragħ u l-Materjal tal-Propagazzjoni għall-Agricoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar it-tqegħid fis-suq tal-materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dwieli<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 74/648/KEE<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 17a tagħha,

Billi, minħabba l-avvanzi fit-tagħrif xjentifiku u tekniku, l-Annessi mad-Direttiva msemmija hawn fuq għandhom jiġu emendati għar-raġunijiet iddikjarati hawn taħt;

ADOTTAT DIN ID- DIRETTIVA:

Billi għandhom jiġu mtejba l-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva rigward il-kultivazzjoni tal-materjal għall-propagazzjoni tad-dwieli sabiex jitqiesu l-effetti ta' l-organiżmi ta' ħsara, b'mod partikolari meta jiġu trattati l-mard tal-virusijiet u l-vetturi tagħhom;

*Artikolu 1*

L-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

Billi t-test Ġermaniż għandu jiġi korrett;

1. Fl-oġġett 3 tal-Parti I, minflok "l-organiżmi ta' ħsara, b'mod partikolari l-virusijiet" tinqara "l-organiżmi ta' ħsara jew il-vetturi tagħhom, b'mod partikolari n-nematodi li jgħorru mard tal-virusijiet."

Billi għandhom jitqiesu l-metodi l-ġodda tat-teknika sabiex jingħata l-grad lill-qatgħat ta' fuq tat-tilqim;

2. It-test Ġermaniż ta' l-oġġett 5 tal-Parti I, minflok "Kurzknogtheit" jinqara "Reisigkrankheit".

Billi, sabiex ikunu jistgħu jsiru disponibbli mixtliet b'saħħithom tad-dwieli l-aktar malajr possibbli, it-tikketta uffiċjali għandha, għal stadju inizjali, tagħti t-tagħrif supplimentari u fuq għażla

3. Fil-Parti I, l-oġġett 6 għandu jinqara:

"6. Ir-rata tal-falliment attribwita għall-organiżmi ta' ħsara ma għandhiex taqbeż:

<sup>(1)</sup> ĠU L 93, tas-17.4.1968, pġ. 15.<sup>(2)</sup> ĠU L 352, tat-28.12.1974, pġ. 43.

— il-5 % fil-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni tal-materjal iċċertifikat tal-propagazzjoni, u

- l-10 % fil-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni tal-materjal *standard* tal-propagazzjoni.

Jekk il-fallimenti jistgħu jiġu attribwiti għal fatturi oħra tas-saħħa tal-pjanti u jekk ir-rata tal-fallimenti taqbeż il-perċentwali msemmija hawn fuq, dawn ir-raġunijiet għandhom jiddaħħlu fil-fajl”.

#### Artikolu 2

Fl-oġġett 1 tal-Parti III ta' l-Anness II, it-test tal-B għandu jinqara:

“B. *It-tul*

- (a) Iż-żraġen tal-ħażna ta' l-għeruq għat-tilqim: it-tul minimu mill-iktar parti 'l isfel ta' l-iktar għoqda 'l isfel filwaqt li titqies l-iktar għoqda għolja, 1 705m;
- (b) Iż-żraġen tal-mixtla: it-tul minimu mill-iktar parti 'l isfel ta' l-iktar għoqda 'l isfel filwaqt li titqies l-iktar għoqda għolja, 55 ċm, fil-każ ta' *Vitis vinifera*, 30ċm;
- (ċ) iż-żraġen tat-tilqim tan-naħa ta' fuq:
- b'ħames għajnejn li jistgħu jintużaw, it-tul minimu mill-aktar parti 'l isfel ta' l-aktar għoqda 'l isfel filwaqt li titqies l-għoqda l-aktar 'il fuq, 50 ċm,
  - b'għajn waħda li tista' tintuża, it-tul minimu 6 75ċm, il-qatgħa għandha ssir fuq distanza minima ta' 1 75 ċm fuq l-għajn u ta' 5 ċm taħt l-għajn”.

#### Artikolu 3

Fl-Anness III, l-oġġett 3 għandu jinqara:

It-Tip	In-Numru:
“3. Iż-Żraġen imlaqqma n-naħa ta' fuq:	
— b'ħames għajnejn li jistgħu jintużaw	100 jew 200
— b'għajn waħda li tista' tintuża	500 jew multipli ta' dan”

#### Artikolu 4

L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

1. Wara l-Parti A jiddaħħal:

- “B. **Tagħrif addizzjonali mhल्ली għall-materjal bażiku tal-propagazzjoni u għal materjal iċċertifikat tal-propagazzjoni:**

‘Il-materjal/materjali bażiku/ċi ta' stadju veġetattiv qabel dan/dawn ikun/u ġie/ġew ittestjat/i minn... (l-awtorità) u ġew ikkonfermati ħielsa minn... (il-marda tal-virus) skond... (it-metodu tat-test).’

Għall-materjal bażiku tal-propagazzjoni u għall-materjal taċ-ċertifikat tal-propagazzjoni dan it-tagħrif jista' jirreferi għal-*leafroll* u għall-*fan-leaf* u fil-każ tal-ħażna ta' l-għeruq għall-irqajja' mżewġa wkoll. It-testijiet iridu jkunu rrikonossuti uffijjalment. Iridu jkunu ġew imwettqa fuq perjodu taż-żmien ta' mill-inqas tliet snin minn awtorità rrikonossuta u kkontrollata uffijjalment.

Il-metodi li ġejjin tat-test jistgħu jiġu applikati:

- għall-mard kollu tal-virusijiet il-metodi tal-katagolar fil-każ tal-pjanti tad-dwieli;
- għall-*fan-leaf*, b'żieda mal-metodi preċedenti, il-metodu tal-katalogar fil-każ tal-pjanti erbaċji, u l-metodu tas-seroloġija wkoll.”.

2. Dik li qabel kienet il-Parti B tingħata l-ittra mill-ġdid bħala l-Parti Ċ.

#### Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Lulju 1978.

#### Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Settembru 1977.

Għall-Kummissjoni  
Finn GUNDELACH  
Viċi-President